MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2004

Appell Kriminali Numru. 39/2004

Il-Pulizija
(Spettur A. Caruana)
Vs
Carmela Spiteri

Il-Qorti:

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fil-Belt, Valletta, nhar il-21 ta’ Jannar, 2004 ghall-habta tal-11.45 a.m. u fix-xhur ta’ qabel din id-data, b’diversi atti ukoll jekk maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi w li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda :

1) Mill-hanut Marks & Spencer, sitwat Triq it-Teatru u Triq id-Dejqa, l-Belt, Valletta, ikkommettiet diversi serqiet ta’ hwejjeg li f’kull serqa l-valur ta’ l-oggetti kien jammonta ghall-aktar minn hamsin lira Maltin (LM50) pero’ ma

jeccedix il-mitt lira Maltin (LM100) u li sar ghad-detriment ta’ dirigenti tal-istess hanut;
2) Kisret il-provvediment ta’ l-Artikolu 9 tal-Kap. 152 (illum l-Artikoli 22 tal-Kap. 446) tal-Ligijiet ta’ Malta, ta’ sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 8 ta’ Gunju, 2002 li biha kienet giet misjuba hatja ta’ reati w lliberata taht kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien tlett snin.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-3 ta’ Frar, 2004, li biha, wara li rat l-artikolu 285 tal-Kap. 9, sabet lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet kif dedotti kontra taghha w ikkundannata ghal xahar prigunerija fuq l-ewwel imputazzjoni. Inoltre, wara li rat is-sentenza tat-8 ta’ Gunju, 2002 stante l-ksur tal-liberta’ kundizzjonata a tenur tal-Artikolu 23 tal-Kap. 446, il-Qorti ghaddiet biex tapplika l-pieni ghar-reati li hemmhekk instabet hatja taghhom, u wara li rat l-Artikoli 325(b), 338(d) u 339(e) ikkundannatha ghal hames (5) xhur prigunerija fuq l-ewwel (1) imputazzjoni, LM3 ammenda fuq it-tieni (2) imputazzjoni u LM3 ammenda fuq it-tielet (3) imputazzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnha pprezentat fil-11 ta’ Frar, 2004, li bih talbet lil din il-Qorti joghgobha tvarja s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f’dik il-parti fejn sabitha hatja tal-ewwel imputazzjoni w ikkundannata ghal xahar prigunerija w thassaraha w tikkancellaha fil-kumplament peress illi s-sentenza illi ghaliha taghmel referenza dik il-parti tas-sentenza appellata ma tikkostitwixxi ebda stat ta’ fatt fil-konfront tal-esponent.

Fliet l-atti kollha processwali,

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-Prosekuzzjoni fil-kors tal-udjenza tal-lum ,

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat ;

Illi l-aggravji tal-appellanti fil-qosor huma s-segwenti u cioe’ : 1. li l-piena applikata mill-Ewwel Qorti kienet

eccessiva w mhux gustifikata tenut kont tac-cirkostanzi ; u 2. illi l-ilment principali huwa li d-dokument P47 u cioe' s-sentenza esebita mill-ufficjal prosekutur ma tikkostitwix ebda stat ta' fatt fil-konfront tal-appellanti ghaliex din is-sentenza nghatat fil-konfront ta' Carmen Spiteri w mhux Carmela Spiteri u ghalhekk l-Ewwel Qorti kienet skorretta meta kkundannatha a bazi ta' dik is-sentenza . L-identita' ta' l-persuna kkundannata b' dik is-sentenza qatt ma giet ikkonfermata mill-ufficjal prosekutur . Ghalhekk il-piena relattiva ghas-sentenza mertu tad-Dok. P 47 ghandha tigi mnehhija.

Illi dan l-appell hu limitat ghall-piena . Issa gie dejjem ritenut li l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara. **Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella"** [14.6.1999] , **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina**" [24.4.2003] u ohrajn.)

Issa meta tghid li l-aggravju principali taghha hu li s-sentenza esebita mill-Prosekuzzjoni Dok. P 47 ma tikkostitwixxi ebda stat ta' fatt fil-konfront taghha , ghaliex din tirriferi ghal "Carmen Spiteri" meta f' dil-kawza giet citata bhala "Carmela" Spiteri , l-appellanti qed tinsa li meta rregistrat ammissjoni fil-bidu tal-process , kienet qed tammetti wkoll l-addebitu li kisret il-provvediment tal-artikolu 9 tal-Kap. 152 (illum artikolu 22 tal-Kap.446) tal-Ligijiet ta' Malta maghmul b' **sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 8 ta' Gunju, 2002** li biha kienet giet misjuba hatja ta' reati u lliberata taht kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien tlitt snin (emfasi tal-Qorti) . Ghalhekk *strettamente parlando* ma kien hemm bzonn issir ebda prova ta' din is-sentenza "ut sic" stante l-ammissjoni nkondizzjonata tal-appellanti . Meta rregistrat dik l-ammissjoni l-appellanti kienet qed taccetta li hi kienet l-istess persuna , sija pure li giet indikata bl-isem "Carmen" minnflok dak ta' "Carmela" li kullhadd jaf li dawn huma ekwipollenti w komunement skambjabbli w jirriferu ghall-istess isem .

Pero' anki kieku ma kienx hekk , din il-Qorti , bhall-Ewwel Qorti, hija altru milli sodisfatta li s-sentenza tat-8 ta' Gunju, 2002 esebita mill-prosekuzzjoni a fols. 16 sa 18 tal-process tirriferi ghall-appellanti odjerna. Din is-sentenza fil-bidu taghha ssemmi l-konnotati w l-generalita' kollha tal-persuna hemm kundannata w dawn jaqblu sal-inqas dettall – inkluz l-indirizz – mall-konnotati w generalita' tal-appellanti odjerna f' din il-kawza , (Fol. 1)  kif ukoll mall-generalita' tal-appellanti kontenuti fl-att tat-twelid taghha (fol. 8) . Inoltre s-sentenza li kopja taghha hi esebita hija l-istess wahda li tidher fil-fedina penali tal-appellanti esebita a fol. 10 a tergo tal-process u dik aggornata esebita fis-seduta tal-lum . Ghalhekk ma hemm lanqas l-icken dubju li s-sentenza tat-8 ta' Gunju, 2002, tirriferi ghall-persuna tal-appellanti odjerna u hadd aktar u ma hemmx bzonn prova tal-identita' , partikolarment meta l-appellanti kienet ammettiet l-addebitu li kisret il-provvediment tal-artikolu 9 tal-Kap. 152 li kien sar fil-konfront taghha b' dik is-sentenza. Ghalhekk jekk dan hu l-ilment principali tal-appellanti , dan hu manifestament infondat u kwazi jirrazenta l-appell fieragh.

Konsegwentement l-Ewwel Qorti ghamlet sew li ghaddiet biex tittratta mall-appellanti ghall-ksur tal-provvediment maghmul taht il-Kap. 152 b' dik is-sentenza w biex tapplika l-piena ghar-reati li hemmhekk kienet instabet hatja taghhom .

Illi mill-ezami tal-fedina penali tal-appellanti , fil-fehma ta' din il-Qorti , l-appellanti bl-agir refrattarju taghha uriet li ma tridx tiehu vantagg mill-oportunita' li tawha l-Qrati w ppersistiet f' din il-hajja refrattarja taghha billi rrikorriet ghal sensiela ta' serq mertu tal-ewwel imputazzjoni minnha ammessa w dan meta kienet giet liberata b' kondizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien tlitt snin appena sena w nofs  qabel. Illi din il-Qorti tara li l-piena karcerarja kienet indikata kemm ghar-reat mertu ta' din il-kawza kif ukoll ghar-reat serju ta' danni volontarji li tieghu kienet instabet hatja bis-sentenza tat-8 ta' Gunju, 2002 .
Illi umbaghad fiz-zewg kazijiet iz-zewg termini ta' prigunerija nflitti mill-Ewwel Qorti jaqghu taht il-parametri tal-ligi u ma jidhrux manifestament eccessivi fic-

cirkostanzi, anzi, fil-kaz tal-hames xhur prigunerija, dan hu l-minimu preskritt mill-ligi fl-artikolu 325 (b) ghad-danni volontarji u fil-kaz tal-kundanna ghal xahar prigunerija ghall-ewwel imputazzjoni , din hi l-piena minima ghar-reat ta' serq semplici skond l-artikolu 285 , bla ma giet applikata mill-Ewwel Qorti z-zieda fakoltattiva ta' grad sa zewg gradi mahsuba fl-artikolu 18 ghar-reat kontinwat ammess mill-appellanti.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s–sentenza appellata konfermata fl-intier taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------